



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 1 ta' Lulju 2010 (02.07)  
(OR. en)**

**11664/10**

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2010/0817 (COD)**

---

**COPEN 150  
EUROJUST 65  
EJN 22  
CODEC 634**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
|-------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| lil:              | COREPER/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| Nru. Inizjattiva: | 9288/10 COPEN 117 EUROJUST 49 EJN 13 CODEC 384 PARLNAT 13 +<br>ADD1 + ADD2 + ADD3                                                                                                                                                                                                                           |
| Suġġett:          | Inizjattiva tar-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Renju tal-Isvezja għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni Ewropea ta' Investigazzjoni f'materji kriminali |

---

1. B'ittri riċevuti mis-Segretarjat Ġenerali f'April 2010, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Renju tal-Isvezja ppreżentaw inizjattiva għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni Ewropea ta' Investigazzjoni.
2. L-inizjattiva tinsab fid-dokument 9288/10 COPEN 117 EUROJUST 49 EJN 13 CODEC 384 PARLNAT 13, li huwa test li ġie rivedut mill-ġuristi-lingwisti. L-inizjattiva hija akkumpanjata minn memorandum ta' spjegazzjoni (ADD 1) u minn dikjarazzjoni dettaljata li jippermettu l-valutazzjoni tal-osservanza tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 2 għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ADD 2) u mid-dokument li jiddikjara l-implikazzjonijiet finanzjarji tiegħu (ADD 3).

3. L-Inizjattiva hija bbażata fuq l-Artikolu 82(1)(a) TFUE u hija ppreżentata minn grupp ta' Stati Membri li jikkostitwixxi (tal-inqas) kwart tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 76(b) TFUE.
4. It-test għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni fil-qafas tal-proċedura legiſlattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 TFUE.
5. It-test għandu jintbagħat ukoll lill-Parlamenti Nazzjonali tal-Istati Membri, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 1 u l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 2 għat-TFUE, sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-osservanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà mill-inizjattiva.
6. F'konformità mal-Artikolu 17(1)(c) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, it-test tal-inizjattiva għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
7. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Coreper huwa mitlub jistieden lill-Kunsill biex:
  - jieħu nota tal-inizjattiva ppreżentata mir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Renju tal-Isvezja kif tinsab fid-dokument 9288/10 COPEN 117 EUROJUST 49 EJN 13 CODEC 384 PARLNAT 13 + ADD1 + ADD2 + ADD3;
  - jiżgura li l-inizjattiva, kif imniżżla fid-dokument 9288/10 COPEN 117 EUROJUST 49 EJN 13 CODEC 384 PARLNAT 13 + ADD1 + ADD2 + ADD3 tintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni, u lill-Parlamenti Nazzjonali tal-Istati Membri;
  - jiżgura li t-test tal-inizjattiva, kif imniżżel fid-dokument 9288/10 COPEN 117 EUROJUST 49 EJN 13 CODEC 384 PARLNAT 13, jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.